

Brussell, 11 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12678/23

LIMITE

**COMPET 837
IND 447
MI 715
BETREG 23
DIGIT 170
ECOFIN 856
EDUC 344
ENER 478
ENV 965
POLCOM 200
RECH 390**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Segwitu tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu u Ġunju dwar il-kompetittività u l-produttività fit-tul tas-suq uniku, fid-dawl tal-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "It-30 Sena mis-Suq Uniku" u "Il-kompetittività fit-tul tal-UE": Ir-rwol tal-kontrolli tal-kompetittività fil-formulazzjoni ta' proposti leġiżlattivi - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar "Segwitu tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu u Ġunju dwar il-kompetittività u l-produttività fit-tul tas-suq uniku, fid-dawl tal-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni 'It-30 Sena mis-Suq Uniku' u 'Il-kompetittività fit-tul tal-UE': Ir-rwol tal-kontrolli tal-kompetittività fil-formulazzjoni ta' proposti leġiżlattivi" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività fil-25 ta' Settembru 2023.

Segwitu tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu u Ġunju dwar il-kompetittività u l-produttività fit-tul tas-suq uniku, fid-dawl tal-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "It-30 Sena mis-Suq Uniku" u "Il-kompetittività fit-tul tal-UE": Ir-rwol tal-kontrolli tal-kompetittività fil-formulazzjoni ta' proposti leġiżlattivi.

Dibattitu ta' orjentazzjoni

L-intrapriżi Ewropej huma wieħed mill-muturi ewlenin tas-soċjetà tagħna: joħlqu impjiegi, innovazzjoni u prosperità. Il-kompetittività u l-produttività huma kundizzjonijiet essenzjali għall-funzjonament tajjeb tal-intrapriżi u ilhom fil-qalba tal-politika tal-UE għal għexieren ta' snin.

Il-mudell Ewropew għat- tkabbir ekonomiku kien sors ta' prosperità matul dawn l-aħħar deċennji. Madankollu, min-nofs is-snin disgħin, it- tkabbir medju tal-produttività fl-UE kien aktar dgħajfef milli f'ekonomiji ewlenin oħra, li wassal għal diskrepanza dejjem akbar fil-livelli ta' produttività.

Diversi indikaturi jindikaw deterjorament fil-produttività fl-UE f'dawn l-aħħar deċennji: il-prezzijiet tal-enerġija huma konsiderevolment ogħla minn partijiet oħra tad-dinja, l-investment fir-riċerka u żvilupp huwa baxx, l-UE qed tissogra li taqa' lura fl-ekonomija diġitali, is-suq ta' kapital ta' riskju huwa sottożviluppat, ir-rekwiżiti regolatorji żdiedu, u hemm asimmetrija ma' partijiet oħra tad-dinja fir-rigward tal-obbligi korporattivi.

Il-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja affettwaw b'mod negattiv l-ekonomija tal-UE u enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi stabbilita strateġija ambizzjuża fit-tul tal-UE għall-kompetittività biex jiġi żgurat li l-Ewropa terġa' tkun post fejn tinvesti u toħloq l-impjiegi.

Barra minn hekk, l-UE qed tiffaċċa trasformazzjoni strutturali xprunata mill-kuntest ġeopolitiku, it-tibdil demografiku, id-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima. Sabiex tiġi implimentata din it-trasformazzjoni, f'dawn l-aħħar snin tressqu bosta proposti leġiżlattivi li jgħallqu opportunitajiet ġodda u jesigū wkoll responsabbiltajiet ġodda mill-kumpaniji, li ser ikollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej, speċjalment l-SMEs.

Jeħtieġ li l-UE tagħti spinta lill-kompetittività tagħha billi tagħmel l-aħjar użu mis-suq intern permezz ta' ambjent regolatorju prevedibbli li jwassal għall-investment, il-ħolqien tal-impjiegi u l-innovazzjoni.

Is-suq Ewropew huwa l-akbar suq uniku integrat fid-dinja u huwa wieħed mill-aktar orjentati lejn l-estern; għalhekk, għandha tingħata attenzjoni lill-kompetittività internazzjonali tal-kumpaniji tal-UE.

F'dan il-kuntest, fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni Ewropea ippreżentat il-komunikazzjonijiet "It-30 Sena mis-Suq Uniku" u "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030". Din tal-aħħar tiddikjara b'mod espliċitu li l-kwalità tal-qafas regolatorju hija kruċjali għall-kompetittività tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tistqarr ukoll li *"il-kontroll il-ġdid tal-kompetittività jiżgura li l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-proposti leġiżlattivi jippreżentaw b'mod integrat l-impatti mistennija ta' kull proposta fuq il-kompetittività tal-kostijiet u tal-prezzijiet, il-kompetittività internazzjonali u l-kapaċità għall-innovazzjoni, kif ukoll fuq il-kompetittività tal-SMEs"*. Fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll li ser taħdem fuq kif tivvaluta aħjar l-impatti kumulattivi ta' miżuri politiċi differenti fil-livell tal-UE bil-ħsieb li tiġi żviluppata metodoloġija.

Filwaqt li jibni fuq din il-Komunikazzjoni, fit-23 ta' Marzu 2023 il-Kunsill Ewropew, fil-Konklużjonijiet tiegħu, appella fost l-oħrajn biex isir progress fil-ħidma fuq ambjent regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. B'mod aktar speċifiku, huwa appella biex jiġi ssimplifikat l-ambjent regolatorju ġenerali u jitnaqqas il-piż amministrattiv billi jitwettqu kontrolli tal-kompetittività għal proposti leġiżlattivi ġodda.

Il-ministri mistiedna għal diskussjoni dwar it-temi li ġejjin:

- Bl-għan li tinbena ekonomija Ewropea aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti, u jitfasslu regolamenti li jappoġġaw il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli tal-UE: Liema elementi tqisu li huma indispensabbli fil-kontrolli tal-kompetittività? X'jista' jsir biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħhom?
 - Sa liema punt il-kontrolli tal-kompetittività għandhom japplikaw għal proposti leġiżlattivi biss jew anke għal pjanijiet strateġiċi u ta' azzjoni?
 - Fil-fehma tagħkom, kif jista' l-Kunsill Kompetittività jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-kompetittività tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni Ewropea?
 - Fil-proċessi tagħkom huma inklużi kontrolli tal-kompetittività? Tistgħu taqsmu l-aħjar prattiki?
-